**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Valentino Festari**

**Kumpilazzjoni 730/2021**

**Illum, 29 t'Ottubru 2024**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra:

**Valentino Festari** ta' 23 sena, iben Orazio Festari u Mandy (Amanda Jane) Festari xebba Schembri, imwieled Pieta', nhar id-19 ta' Mejju 1998 u li joqghod gewwa Block 1, Flat 1, Triq Kelinu Cachia, Tarxien u detentur tal-karta ta' l-identita' bi numru 187098M.

Akkuzat talli:

Nhar l-10 ta' Novembru 2021, ghall-habta tas-sitta nieqes kwart ta' fil-ghaxija (17:45hrs), gewwa Triq Guze' D'Amato, Paola:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Mattheas Buhagiar, hekk kif gie ccertifikat minn Dr Elaine Camilleri numru ta' registrazzjoni 6314 mic-centru tas-sahha ta' Paola;

2. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b'ghajjat u/jew bi storbju;

3. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustani kiser il-liberta provizorja billi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D., b'digriet moghti nhar il-11 ta' April 2018, li bih ha l-helsien mill-arrest u li l-kondizzjonijiet tad-digriet gew varjati mill-Qorti Kimrinali Imhallef Onor. Antonio Mizzi LL.D., b'digriet moghti nhar it-12 ta' Gunju 2018.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Mattheas Buhagiar u/jew persuni ohra billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll miltuba li f'kas ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba tirrevoka s-somma msemmija fl-obligazzjoni tal-garanzija liema somma totali ghandha tigi mghoddija favur il-gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi

Valentino Festari u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi[ja][1] imputat fejn b'digriet hawn fuq imsemmi, kien inghata l-helsien mill-arrest kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet finalment mitluba f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmi Valentino Festari biex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hadet nota li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuza fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2021.[2]

Hadet nota ukoll tal-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

Hadet nota tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali nhar l-14 ta' Novembru 2022 fejn l-artikoli 17, 31, 328A, 383, 384, 385, 412C, 214, 215, 216, 338(1)(dd), 579 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew indikati bhala l-bazi tal-akkuza.[4]

Hadet nota ukoll tat-twegiba tal-imputat fejn ma oggezzjonax u ta l-kunsens tieghu biex jigi iggudikat minn din il-Qorti fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2023[5].

---

[1] Errate corrige.

[2] Folio 3 tal-process.

[3] Folio 21 tal-process.

[4] Folio 148 tal-process.

[5] Folio 151 tal-process.

Rat l-atti kollha.

Semghet il-provi.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-ufficcjal prosekutur fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2023.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat prezentata fil-15 ta' Mejju 2024.

Semghet is-sottomissjonijiet orali ulterjuri tal-partijiet fis-seduta tal-05 ta' Gunju 2024.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda allegatament daqqa ta' ponn li l-imputat, ossija Valentino Festari, ta lill-vittma Mattheas Buhagiar  meta dawn iltaqghu fit-triq b'kumbinazzjoni f'Rahal il-Gdid.  Il-vittma garrab griehi ta' natura gravi.  Il-prosekuzzjoni qed tallega ukoll li bl-aggressjoni l-imputat kiser il-paci pubblika kif ukoll b'att volontarju kiser il-liberrta' provizorja.

L-imputat qed jichad dak addebitat lilu u jsostni li kien il-vittma li mar fuqu u li hu iddefenda ruhu.

**Provi**

Xehed il-vittma **Mattheas Buhagiar** waqt is-seduta tas-16 ta' Dicembru 2021 fejn qal li fl-10 ta' Novembru 2021 spicca mill-iskola MCAST u kien miexi lura ma' shabu. Jghid li wiehed kien fuq ir-rota u l-iehor jimbuttah ghax kellu puncture meta ghaddew minn fejn il-vettura tal-aggressur. Jghid li l-aggressur qallu 'Inti qed titnejjek bija?' u tah daqqa ta' ponn wara li hareg mill-vettura. Jghid li laqtu go xoftu. Jghid li mar l-ghassa u ghanki il-klinic ta' Rahal il-Gdid fejn gie iccertifikat. Jghid li lill-aggressur huwa ma jafux.[6]

Xehed **PS 1283 Fortune Calafato**. Jghid li meta kien l-ghassa ta' Rahal il-Gdid fl-10 ta' Novembru 2021 gie Matteas Buhagiar fejn qallu li kien gie aggredit minn persuna li ma jafx. Hu ikkonferma li l-vittma qallu li qala' daqqa ta' ponn go wiccu. Qal li l-aggressur gie mizmum mix-xufier tal-istess vettura. Il-vittma kien tah in-numru tal-vettura li kien LON 166 fejn meta ikkuntatja lis-sid Ivan Fenech dan qallu li dak il-hin il-vettura kien qed jaghmel uzu minnha l-gharus tat-tifla Alessio Festari. Da tal-ahhar gie mitkellem wara li inghatawlu id-drittijiet tieghu u qal li li wiehed minnhom offenda lil huh waqt li kienu fil-vettura. Jghid li **Valentino nizel mill-vettura u meta il-guvni l-iehor resaq '*Valentino xejjer idejh u laqghtu f' wiccu*'**.[7] Jghid li fil-vettura kien hemm persuna bl-isem ta' Kelsey, it-tfajla tieghu.

Finalment jghid li kien kellem lil Kelsey Fenech u hadilha il-verzjoni taghha kif ukoll lil Carlos Zahra. Dan tal-ahhar ma kien ra u sema' xejn. Ix-xhud ipprezenta ir-rapport imhejji minnu.

---

[6] Folio 37 tal-process.

[7] Folio 52 tal-process.

Kontro ezaminat jghid li l-parti fejn qal li l-imputat xejjer idejh hada minghand Alessio.[8]

Xehed **Alessio Festari** waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2022 u dan wara li gie imwissi li peress li jigi hu l-imputat seta' ma jixhidx. Huwa ghazel li jixhed u spjega li mar ghal huh ix-xoghol u ghalkemm id-data ma jiftakarhiex kien is-sena 2021. Jghid li t-traffic kien slow hafna u ghaddiet rota bi tlett persuni fuqha. Qal li f'hin minnhom wiehed minn fuq ir-rota qal lil huh '*x'garalek' u huh qallu ' xi gralek*' Siehbu qabez u qallu '***foxx il-mejtin tieghek***' u sema' '***daqqa fil-karrozza***'[9] *Jispjega li kif sema' d-daqqa mal-karrozza ghamilha park u hija hareg jiccekja jekk ghamlux xi hsara fil-karrozza. Kif hareg biex jiccekja jekk ghamlux hsara mal-karrozza wiehed minnhom mar jipprova jaqbbdu minn wiccu, huh gholla idejh u imbuttah biex ma jweggghux.* Hareg mill-vettura u ferraqhom u dahlu fil-vettura u telqu 'l hemm.

Jispjega li hu qabad lil huh u dahhlu fil-vettura. Hu jghid li ferraq ghax kien hemm l-imbuttatura. Jghid li lill-persuna li giet ghal huh ma jafx min hija. Muri ritratti ezebiti jghid li l-griehi li hemm fir-ritratti ma jafx kif saru. Jghid li hu ma rax griehi. ***Jghid li huh lanqas biss misslu wiccu.***[10] Jghid li l-persuna waqghet mal-art. Jghid li shabu marru lejhom u hu tella' lil huh fil-vettura. Jghid li l-partijiet ma regghux iggieldu.

---

[8] Folio 53 tal-process.

[9] Folio 61 tal-process.

[10] Folio 63 tal-process.

Kontro ezaminat jghid li hu dahal iferraq ghax din il-persuna mar jaqbad lil huh minn wiccu. Jghid li hu qabad lil huh u wara ma jafx x'gara.[11]

Xehdet **Kelsey Fenech** nhar id-9 ta' Marzu 2022 u tghid li hija l-gharusa ta' Alessio Festari u l-imputat jigi huh. Tghid li x-xahar kien Novembru pero' id-data ma tafhiex ezatt.[12] Tispjega li hija kienet passiggiera u Alessio kien qed isuq. L-imputat kien fuq wara, wara huh. Tghid li kien hemm hafna traffiku u kien hemm tlett guvintur fuq rota wahda u huma flok ghaddew minn fuq il-bankina ghaddew minn got-triq, oppost taghhom. Tghid li '***Valentino hares hekk normali u wiehed minnhom ma nafx min huma ghax lanqas wicchom ma rajt, kien id-dlam ukoll. Wiehed minnhom qallu xi gralek…***'[13] Valentino qallu xi gralek u insetma' qisu daqqa fuq wara tal-karrozza u hu hareg biex jiccekkja. Alessio hareg ukoll u dahhlu mal-ewwel fil-karozza ghax hija ma hargitx. Skond hi ma gara xejn ghax mill-ewwel dahhlu gol-vettura. Issostni li hija ma rat xejn.

Xehed **Ivan Fenech** nhar id-9 ta' Marzu 2022 u jghid li l-vettura LON 166 hija tieghu u jaghmel uzu minnha l-gharus tat-tifla. Fl-10 ta' Novembru 2022 kien qed jaghmel uzu minnha hu, Alessio Festari.[14]

Xehed **Matthias Grima** fid-9 ta' Marzu 2022 fejn jghid li hu kien ma' shabu bir-rota. Tnejn fuq rota u wiehed miexi warajhom. Jghid li huma kienu qed jaqsmu it-triq minn naha tal-knisja ghan-naha tal-BOV.

[11] Folio 65. Il-Qorti lejn l-ahhar tax-xhieda u waqt il-kontro-ezami wissiet lix-xhud li qieghed jixhed taht gurament.

[12] Folio 67 tal-process.

[13] Folio 68 tal-process.

[14] Folio 70 tal-process.

Ikompli jispjega li '***sadanittant sa kemm qsamna nisimghu lil vittma jghajjat jiena x'qatt ghamiltlek u narah bil-ferita fuq xoftu….***'[15] Jghid li Mattheas Buhagiar kien bid-demm fuq xoftu… '***imbaghad hemm hekk rikeb, nizel ghalih haddiehor mill-vettura u rikbu u telqu 'l hemm, saqu.***' Jghid li l-aggressur ta' straight lil siehbu li kien miexi warajh u ma kellux rota. Jghid li l-aggressur hareg mill-vettura LON 166. Muri ir-ritratti a folio 40 u 41 jikkonferma li dak hu l-vittma u r-ritratti ittiehdu l-ghassa Rahal il-Gdid.

Kontro-ezaminat jghid li mhux tlieta imma tnejn kienu fuq ir-rota. Jghid li l-vittma kien bil-mixi u mhux fuq ir-rota. Jghid li hu kien qed jimbotta r-rota ghax ir-rota kellha puncture. Ikompli jispjega kif kienu rekbin fuq ir-rota ladarba kien hemm puncture. Jghid li siehbu hu Kyron Callus. Jghid li huma kienu qed iharsu 'l quddiem u l-habib taghhom warajhom. Hu ma semax offizi hergin bejnu u bejn shabu. Ma semax kliem bejn il-partijiet. Ma semax id-daqqa fil-karozza. Hu ma tax daqqa fil-vettura. Ta mieghu zgur li ma tax daqqa. Ma sema' xejn jinghad hlief lill-vittma jghid 'x'qatt ghamiltlek'. Jghid li hu boghod minn siehbu kien xi metru u nofs. Jghid li hu biss mar fuq Mattheas u l-iehor baqa' sejjer. Jghid li dan ippanikja baqa' sejjer u gie hdejhom aktar tard.[16]

Xehed l-i**Spettur Herbert Cini** nhar it-12 ta' April 2022 u ikkonferma il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest a folio 28 u 32 tal-process. Jghid li l-kawza ghada ghaddejja sa fejn jiftakar.[17]

---

[15] Folio 73 tal-process.

[16] Folio 80 tal-process.

[17] Kundizzjoni numru 4- 'li ma tikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest'.

Xehed **Kyron Charles Callus Zahra** nhar it-12 ta' April 2022 jghid li l-incident kien is-sena li ghaddiet u kien ix-xitwa. Jghid li huwa u zewg ihbieb ohra telqu mill-sikola, l-MCAST u kienu sejrin lejn id-dar. Hu kien ma' Matthias Grima u Mattheas Buhagiar. Jghid li hu cempel lill-shabu u sa fejn jiftakar qabdu Matthias Grima u qallu li Mattheas Buhagiar ghadu kif qala' daqqa u mar hdejhom. Jghid li hu ma ra xejn.[18]

Kontro-ezaminat jghid li hu kien qieghed fuq ir-rota u siehbu kien fuq il-pegs. Jikkonferma li kien hemm puncture fuq ir-rota. Jghid li hafna mill-hin kienu fuq il-bankina imma biex taqsam nizlu u ghaddew minn bejn il-karozzi. Jghid li Mattheas Buhagiar kien miexi pero' ma jiftakarx kellux rota ukoll. Jikkonferma li kienu vicin. Jikkonferma li f' hin minnhom ma baqax vicin taghhom. Jghid li malli induna li shabu ma baqghux warajh cemplilhom. Jikkonferma li ma ra u ma sema' xejn.

Xehed **Dr. Edward Cherubino** nhar it-12 ta' April 2022 fejn ipprezenta r-relazzjoni tieghu. Jghid li l-feriti huma ta' natura hfief u mhux gravi.[19]

Xehdet **Stephania Calafato Testa**, assistant registratur Qorti Kriminali u Tribunali fejn ikkonfermat il-kundizzjonijiet tal-Helsien mill-Arrest a folio 28 tal-process.[20]

Xehed **Dr. Christopher Spiteri** nhar is-6 ta' Mejju 2022 fejn qal li l-vettura LON 166 hija registrata fuq Ivan Fenech.[21]

[18] Folio 89 tal-process.

[19] Folio 93 tal-process. Folio 110 spejjez peritali ta' Ewro 320.79c.

[20] Folio 112 tal-process.

Regghet xehdet **Stephania Calafato Testa**, assistant registratur tal-Qorti Kriminali fejn ikkonfermat ghal darb'ohra l-kundizzjonijiet tal-Helsien mill-Arrest a folio 28 sa 32 tal-process.[22] Tikkonferma li l-imsemmija kundizzjonijiet ghadhom in vigore.

Xehdet l-**iSpettur Sahra Zerafa** nhar il-15 ta' Gunju 2022 fejn spjegat ir-rwol taghha fl-investigazzjoni wara li giet infurmata minn PS 1283. Tghid li meta tkellmet mal-imputat kien qallilha kwazi l-istorja li qal il-vittma pero' qal ukoll li kien sema' hoss wara tal-karozza x'hin huma ghaddew minn wara. Huwa qal li dak li ghamel kien bhala "self-defence" u xejn aktar wara li l-vittma ppruvat taqbdu minn ghonqu. Jghid li hu fil-hasda tal-mument imbuttah.[23]

Kontro-ezaminata tghid li hija ressqitu b'arrest minhabba in-natura tal-griehi li kienu gravi u kif ukoll li kiser il-kundizzjoinijiet tal-Helsien mill-Arrest.[24]

Xehdet **Dr. Elaine Camilleri** nhar id-9 ta' Novembru 2022 fejn ikkonfermat ic-certifikat mediku mahrug minnha a folio 15 tal-process Tghid li barra l-gerha fuq ix-xoffa kellu tbengila fuq l-istess naha tal-wicc.

Kontro-ezaminata tghid li kull ferita fil-wicc tigi kklassifikata bhala wahda ta' natura gravi.[25]

---

[21] Folio 114. tal-process.

[22] Folio 122 tal-process.

[23] Folio 18 tal-process l-istqarrija tal-imputat.

[24] Folio 127 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

L-artikoli tali-ligi li jirrigwarda din il-vertenza u li huma citati fir-rinviju tal-Avukat Generali huma s-segwenti:

*Sub-titolu II*

*FUQ L-OFFIŻI VOLONTARJI FUQ IL-PERSUNA*

*214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħata' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.*

*215. L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.*

Il-Kodici Kriminali taghna jitkellem ukoll fuq ferita ta' natura hafifa u jghid testwalment is-segwenti:

*221.(1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa…*

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-analizi tax-xhieda li ghamlet din il-Qorti hija konvinta li mill-assjem ta' provi ma hemmx dubbju li l-imputat ta daqqa ta' ponn lill-vittma meta l-imputat interpreta xi mossi jew kliem li l-vittma seta' qal, dejjem jekk il-vittma qal xi haga, fil-konfront tieghu. Il-Qorti mhux

[25] Folio 144 tal-process.

konvinta minn dak li qal l-imputat, huh u l-gharusa ta' huh meta qalu li huma semghu xi daqqa fuq il-karozza li kienu fiha u l-imputat u huh marru jiccekkjaw. Dan qed tghidu ghax *a tempo vergine* Alessio Festari ma semma' xejn lis-surgent investigattiv PS 1283 Fortune Calafato.[26] Din il-Qorti mhux konvinta minn dak li qal la l-imputat u lanqas Alessio Festari fuq il-pedana tax-xhieda ghal dak li jirrigwarda dan il-fatt tad-daqqa fuq il-vettura u fil-fatt kellha tfakkru li kien qed jixhed taht gurament. Il-komportament ta' Alessio Festari waqt ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti xejn ma ikkonvinca lil din il-Qorti li dan kien qed jghid il-verita' kollha!

Dak li ghamel l-aggressur kienet aggressjoni mhux provokata, anzi l-Qorti tazzarda tghid gratuwita fuq il-vittma. Agressjoni frott ta' impulsivita' ghax l-aggressur haseb li l-vittma qallu jew ghamillu xi haga jew forsi harislu bl-ikrah. **Il-Qorti tghid li anki jekk il-vittma ghal grazzja tal-argument biss qal xi haga lill-imputat bl-ebda mod id-daqqa ta' ponn ma hija gustifikata.** Bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma' jista' l-imputat, kif ipprova jistqarr fl-istqarrija tieghu lill-pulizija jargumenta li huwa agixxa biex jiddefendi ruhu. Kif inghad din il-Qorti mhux qed temmen lanqas li l-vittma ipprova b'xi mod jaggredih. *Aktar min hekk huh qal li l-imputat xejjer idejh u laqat lill-vittma mentri l-imputat jghid li imbuttah.*[27] *Movimenti li mhux simili anzi il-Qorti tazzarda tghid li jmorru kontra xulxin.* Il-Qorti trid tfakkar li meta wiehed jagredixxi lill-persuna, att volontarju fih inniffsu, hemm

[26] Ara NPS 3/E/4204/2021 a Folio 26.

[27] Folio 19 ta' stqarrija.

tinholoq l-intenzjoni generika rikjesta mill-ligi, li twegga' lil haddiehor.[28]

In oltre l-imputat kien jaf li qieghed fuq il-liberta' provvizorja fuq kaz iehor u allura missu mhux qaghad pass imma zewg passi lura.

Ghal dak li jirrigwarda Kelsey Fenech din ukoll ma ikkonvincitx lill-Qorti ghax kienet fuq quddiem tal-vettura u allura ma setetx lanqas tara il-harsa tal-imputat li kien fuq is-seat ta' wara, gest li isehh f'sekondi!

**Ikkunsidrat:**

Stabbilit li l-aggressjoni saret u hija attribbwibbli unikament lill-imputat il-Qorti jidhrilha li ghandha toqghod fuq dak li ikkonstata l-espert mahtur mill-Qorti fejn a folio 107-108 kiteb testwalment is-segwenti:

*'Illi Mattheas Buhagiar gie ezaminat minn l-esponent li nnota li l-vittma ma' kellu l-ebda marka fuq wiccu li rrizulta mill-griehi li garrab;*

*Ill l-ferita li garrab fuq ix-xoffa ta' fuq il-lemin kienet fieqet kompletament minghajr l-ebda marka permanenti;*

*Illi l-kontuzjoni rrapurtata fuq in-naha ta' gewwa tal-haddejn tal-lemin kienet kompletament fieqet minghajr ebda marki permananti;*

*Illi l-vittma sofra griehi ta'* ***natura hafifa.****'*

---

[28] Ara f' dan is-sens **Il-Pulizija (Spettur S. Galea u Septtur D. Theuma) vs Jason Micallef** (App. Kriminali Nru. 111/2004) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Gunju 2004 per Onr. Imhallef Joseph Galea Debono. Pagna 5 u 6 tas-sentenza.

B'hekk il-Qorti tqis li ghandha tiskarta l-konstatazzjoni tat-Tabiba Elaine Camilleri fejn qalet li l-ferita hija ta' natura gravi. Hija kienet spjegat ukoll illi tali konstatazzjoni kienet ghamlitha minhabba illi l-griehi kienu fil-wicc. Izda in vista tal-konkluzjoni ta' l-espert li l-griehi fiequ kompletament minghajr ma hallew ebda marka permanenti, l-istess griehi gew klassifikati minnu bhala griehi hfief. Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni sabiex ma tabbraccjax din il-konkluzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li ghandha ssib lill-imputat hati li ikkawza griehi ta' **natura hafifa** fuq il-vittma[29].

**Ikkunsidrat:**

Imbaghad l-Avukat Generali qed takkuza lill-imputat bil-kontravenzjoni taht l-artikolu 338(1) (dd) li taqra hekk:

*'b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku';*

Din tirrizulta ukoll b'mod ampju ghax l-aggresjoni saret f'post pubbliku, ossija fit-triq. Bl-agir irresponsabbli tieghu l-imputat ghamel aggressjoni fuq persuna li ma kienx jaf b'mod gratuitu.

Ghaldaqstant, din il-Qorti ser issib lill-imputat hati li agixxa bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[29] Ara dwar il-kostatazzjonijiet dwar il-ferita u l-intenzjoni generika tal-agent li jikkawzaha dak deciz fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Kathleen Zerafa) vs Yarik Farrugia** (App. Nru. 452/2021) deciz mill-Qorti tal-appell Kriminali nhar il- 5 ta' April 2022 per Ono. Imhallef Cosuelo Scerri Herrera.

Il-Qorti qed taghmilha cara ghal darb'ohra li mhux ser tittollera bl-ebda mod dawn it-tip ta' incidenti. Dawn l-incidenti qed isiru wisq frekwenti u qed ihassbu lis-socjeta' in generali. Wiehed ma jistax bl-ebda mod jahseb li huwa 'l fuq mil-ligi u ghax wiehed ihares lejh forsi bl-ikrah jew jghidlu forsi xi kelma zejda, xi haga li din il-Qorti lanqas hija konvinta li fil-kaz in ezami fil-fatt grat, johrog u ixejjer daqqa ta' ponn lil xi hadd iehor.

**Ikkunsidrat:**

Fuq il-kwistjoni tal-ksur tal-liberta' pprovizorja din il-Qorti ftit li xejn ghandha x'tikkummenta. Il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova dak addebitat lill-imputat mhux biss billi ipproduciet id-dokumentazzjoni relevanti imma ukoll ipproduciet wiehed mill-ufficcjali prosekuturi kif ukoll l-assistant registratur ta' dawn il-Qrati li ikkonfermat li l-kundizzjonijiet kienu ghadhom in vigore u allura peres li qed jinsab hati ta' reat volontarju l-imputat kiser il-kundizzjoni numru erbgha (4) tal-kundizzjonijiet mahruga fil-konfront tieghu nhar il-11 ta' April 2018 minn din il-Qorti diversament ppreseduta.[30]

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis illi l-imputat ghandu jinstab hati ukoll taht l-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tqis li l-akkadut huwa serju pero' mhux gravissimu u allura mhux ser tkun qed tirrevoka l-helsien mill-arrest moghti fuq il-kaz allaccat ma' din il-kawza li kien qed jinstema' minn din il-Qorti diversament preseduta. Barra minn dan

---

[30] Ara dwar ir-rekwiziti minimi rikjesti biex jigi ippruvat il-ksur tal-kundizzjonijiet mill-helsien mill-arrest fis-sentenza **Il-Pulizija vs Philianne Ceci et** (App. Nru. 191/2018) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis- 16 ta' Dicembru 2021 per Onr. Imhallef Aaron M. Bugeja. Pg. 28.

din il-Qorti lanqas ma jidhrilha li dak kommess mill-imputat, ghalkemm serju ma jimporta li l-garanzija personali f'dik il-kawza tigi konfiskata fl-ammont kollu favur il-Gvern ta' Malta.[31]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tfakkar li meta jkun hemm vjolenza fuq persuna bhala regola l-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat kif gie ribadit fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** (App. Kri. Nru. 193/2003) deciza fit-30 ta' Lulju 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

Il-Qorti qieset li dan kien incident ta' ftit sekondi u li l-imputat kellu tlieta u ghoxrin (23) sena biss meta wettaq din l-aggressjoni li wasslet ghal griehi hfief li ma kellhom l-ebda konsegwenza fuq il-gisem u fuq is-sahha tal-vittma. Qieset ukoll li ghalkemm ta' eta' relattivament zghira l-imputat diga' ghandu zewg kundanni ta' htija fejn biss biss wahda minnhom hija li ikkaguna griehi hfief fuq persuna ohra.[32] Il-Qorti qieset ukoll l-eta' tenera tal-vittma kif ukoll li l-imputat ma offra l-ebda skuza tal-akkadut. Hadet ukoll in konsiderazzjoni li dak li qed jigi misjub hati tieghu sar waqt il-perjodu fejn l-imputat kien bil-liberta' provvizjorja.

**Fic-cirkustanzi ladarba fiz-zewg kazijiet l-ohra li instab hati jidher li l-provvedimenti tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ma kellhom l-**

[31] Ara f' dan is-sens dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Stefan Muscat** (App. Nru. 133/2020) deciza fl- 20 ta' Ottubru 2020 per Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera (pg. 26-28), kif ukoll fil-kawza Il-**Pulizija vs Aaron Steven Stewart Edward Ritchie** deciza fis- 26 ta' Novembru 2021 per Onor. Imhallef Edwina Grima. Pagan 5 u 6.

[32] Folio 21 tal-process.

**ebda effett fuq l-imputat, u l-imputat ma gharafx jiehu taghlima mill-opportunitajiet li gia inghata mill-Qrati taghna, l-Qorti temmen li sentenza ta' prigunerija sospiza hija l-aktar wahda adegwata fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.**

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 328A, 383, 384, 385, 412C, 214, 215, 216, 338(1)(dd), 579 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **VALENTINO FESTARI HATI** li ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq Mattheas Buhagiar u li kiser il-paci u l-buon ordni pubbliku kif ukoll li kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest datati 11 ta' April 2018 mahruga mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per l-allura Magistrat, illum l-Onorevoli Imhallef Neville Camilleri. U in vista' tal-fattispeci kollha tal-kaz, qed **tikkundanna lill-hati Valentino Festari ghal piena ta' prigunerija ta' hames xhur li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum.**

**Inoltre ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeghda torbot lill-hati Valentino Festari biex bl-ebda mod ma jimmolesta, jkellem jew javvicina lill-vittma Mattheas Buhagiar u dan ghall-perjodu ta' tnax-il xahar mil-lum taht garanzija ta' elf Ewro (€1,000).**

**Il-Qorti qed tordna ukoll li parti mill-garanzija personali ta' ghaxart'Ewro (€10,000) imsemmija fid-digriet tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest datat 11 ta' April 2018 u cioe s-somma fl-ammont ta' hamest' elef Ewro (€5,000) ghandha tigi konfiskata u**

**tghaddi minnufih favur il-Gvern ta' Malta tenut kont tal-fatti speci kollha ta' dan il-kaz kif aktar 'l fuq esposti u dan ai termini tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Inoltre tordna lill-hati Valentino Festari sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qrati Kriminali l-ispejjez tal-hatra tal-espert Dr. Edward Basile Cherubino fi zmien xahar mill-lum ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**[33].

**Kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi immedjatament komunikata lir-Registratur tal-Qrati Kriminali halli minnufih jigbor dak li huwa dovut ladarba din is-sentenza issir *res judicata*.**

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Annalise Mifsud
Deputat Registratur

[33] Folio 110 tal-process li huma tlett mija u ghoxrin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€320.79c).